



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2011/0366(COD)

5.9.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-
ħolqien tal-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil
(COM(2011)0751 – C7-0433/2011 – 2011/0366(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Michèle Striffler

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 78(2), 79(2) u (4) tiegħu,

Emenda

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 78(2), 79(2) u (4) **u l-Artikolu 208(1) tiegħu,**

Emenda 2

Proposta għal regolament Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 78(2), 79(2) u (4) tiegħu,

Emenda

Wara li kkunsidraw il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp u l-Kunsens Ewropew dwar l-għajnuna umanitarja,

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-objettiv tal-Unjoni li tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, għandu jintlaħaq, inter alia, permezz ta' miżuri komuni li jservu ta' qafas għall-politika dwar l-ażil u l-immigrazzjoni, ibbażata fuq solidarjetà bejn l-Istati Membri, li tkun ġusta għal pajjiżi terzi u ċittadini tagħhom. Il-Kunsill Ewropew tat-2 ta' Diċembru 2009 rrikonoxxa li r-riżorsi finanzjarji fl-Unjoni għandhom isiru dejjem aktar flessibbli u koerenti, kemm f'termini ta' ambitu u ta' applikabbiltà,

Emenda

(1) L-objettiv tal-Unjoni li tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, għandu jintlaħaq, inter alia, permezz ta' miżuri komuni li jservu ta' qafas għall-politika dwar l-ażil u l-immigrazzjoni, ibbażata fuq solidarjetà bejn l-Istati Membri, li tkun ġusta għal pajjiżi terzi u ċittadini tagħhom. **Dan l-objettiv għandu jintlaħaq fil-qafas tal-kunsens Ewropew għall-iżvilupp, li jstabilixxi li l-UE se tqis l-objettivi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-politiki kollha li timplimenta u**

sabiex jappoġġjaw żviluppi tal-politika fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni.

li huma suxxettibbli li jolqtu l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Il-Kunsill Ewropew tat-2 ta' Diċembru 2009 rrikonoxxa li r-riżorsi finanzjarji fl-Unjoni għandhom isiru dejjem aktar flessibbli u koerenti, kemm f'termini ta' ambitu u ta' applikabbiltà, sabiex jappoġġjaw żviluppi tal-politika fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Il-Fond għandu jesprimi solidarjetà permezz ta' assistenza finanzjarja lill-Istati Membri. Għandu jtejjeb il-ġestjoni effettiva tal-flussi migratorji lejn l-Unjoni f'oqsma fejn l-Unjoni żżid il-valur massimu, b'mod partikolari permezz tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

Emenda

(3) Il-Fond għandu jesprimi solidarjetà permezz ta' assistenza finanzjarja lill-Istati Membri. Għandu jtejjeb il-ġestjoni effettiva tal-flussi migratorji lejn l-Unjoni f'oqsma fejn l-Unjoni żżid il-valur massimu, b'mod partikolari permezz tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. ***L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-Istati Membri u fil-pajjiżi terzi għandhom jipparteċipaw fil-proċess ta' programmazzjoni, ta' implimentazzjoni u ta' valutazzjoni tal-programmi multiannwali ffinanzjati minn dan il-Fond. Il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali tal-pajjiżi sħab għandhom jinżammu informati u kkonsultati fi żmien utli dwar l-attivitajiet imwettqa fl-ambitu tal-Fond.***

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Il-Fond għandu jiġi implimentat b'rispett sħiħ mad-drittijiet u l-prinċipji

Emenda

(24) Il-Fond għandu jiġi implimentat b'rispett sħiħ mad-drittijiet u l-prinċipji

stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, *azzjonijiet eliġibbli* għandhom *iqisu* s-sitwazzjoni speċifika ta' persuni vulnerabbli, ***b'mod partikolari, b'attenzjoni*** speċjali ***u risponsi ddedikati*** lill-minorenni mhux akkumpanjati u minorenni oħra friskju.

stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ***u fil-konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-bniedem***. B'mod partikolari, għandhom *jitqiesu l-approċċ tal-protezzjoni tal-migranti, rifuġjati u persuni li jfittxu l-ażil abbażi tad-drittijiet tal-bniedem fl-azzjonijiet eliġibbli*, b'mod partikolari s-sitwazzjoni speċifika ta' persuni vulnerabbli ***billi tingħata attenzjoni*** speċjali ***lin-nisa***, lill-minorenni mhux akkumpanjati u minorenni oħra friskju ***billi jingħataw risponsi ddedikati***.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) Miżuri f'pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom appoġġjati permezz tal-Fond għandhom jittieħdu f' sinerġija u koerenza ma' azzjonijiet oħra barra l-Unjoni appoġġjati permezz ta' strumenti ta' assistenza esterna tal-Unjoni, kemm ġeografiċi u tematiċi; B'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet għandha titfittex koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-oġettivi ġenerali tal-azzjoni esterna u l-politika barranija tal-Unjoni relatata mal-pajjiż jew ir-reġjun ikkonċernati. M'għandhomx ikunu intiżi sabiex jappoġġjaw azzjonijiet direttament orjentati lejn l-iżvilupp u għandhom jikkumplimentaw, fejn xieraq, l-assistenza finanzjarja provduta permezz ta' strumenti tal-għajnuna esterna. Se tiġi żgurata wkoll ***il-koerenza*** mal-politika umanitarja tal-Unjoni, ***b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-assistenza ta' emerġenza***.

Emenda

(25) Miżuri f'pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom appoġġjati permezz tal-Fond għandhom jittieħdu f' sinerġija u koerenza ma' azzjonijiet oħra barra l-Unjoni appoġġjati permezz ta' strumenti ta' assistenza esterna tal-Unjoni, kemm ġeografiċi u tematiċi; B'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet għandha titfittex koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-oġettivi ġenerali tal-azzjoni esterna u l-politika barranija tal-Unjoni relatata mal-pajjiż jew ir-reġjun ikkonċernati. M'għandhomx ikunu intiżi sabiex jappoġġjaw azzjonijiet direttament orjentati lejn l-iżvilupp u għandhom jikkumplimentaw, fejn xieraq, l-assistenza finanzjarja provduta permezz ta' strumenti tal-għajnuna esterna ***fir-rispett tal-prinċipju ta' koerenza tal-politiki għall-iżvilupp kif stabbilit mill-Kunsens għall-Iżvilupp (Art. 35)***. Se tiġi żgurata wkoll ***li l-implimentazzjoni tal-assistenza ta' emerġenza tkun koerenti u komplimentari*** mal-politika umanitarja tal-Unjoni ***u tirrispetta l-prinċipji umanitarji kif stabbiliti mill-Kunsens dwar l-għajnuna***

umanitarja.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

(36) Huwa importanti għas-solidarjetà msaħħa li l-Fond jipprovdi appoġġ addizzjonali biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' emerġenza ta' pressjoni migratorja qawwija fi Stati Membri jew pajjiżi terzi jew fil-każ ta' influż bil-massa ta' persuni spostati, skont id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn, permezz ta' assistenza ta' emerġenza.

Emenda 8

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-oġġettiv ġenerali tal-Fond għandu jkun li jikkontribwixxi għal ġestjoni effettiva tal-flussi migratorji fl-Unjoni bħala parti mill-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, skont il-politika komuni dwar l-ażil, il-protezzjoni sussidjarja u l-protezzjoni temporanja u l-politika komuni dwar l-immigrazzjoni.

Emenda

(36) Huwa importanti għas-solidarjetà msaħħa li l-Fond jipprovdi, ***f'koordinament u sinerġija mal-assistenza umanitarja mmexxija mid-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili (ECHO)***, appoġġ addizzjonali biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' emerġenza ta' pressjoni migratorja qawwija fi Stati Membri jew pajjiżi terzi jew fil-każ ta' influż bil-massa ta' persuni spostati, skont id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn, permezz ta' assistenza ta' emerġenza.

Emenda

1. L-oġġettiv ġenerali tal-Fond għandu jkun li jikkontribwixxi għal ġestjoni effettiva tal-flussi migratorji fl-Unjoni bħala parti mill-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, skont il-politika komuni dwar l-ażil, il-protezzjoni sussidjarja u l-protezzjoni temporanja u l-politika komuni dwar l-immigrazzjoni, ***fir-rispett tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp u l-approċċ tal-protezzjoni tal-migranti, rifuġjati u persuni li jfittxu l-ażil abbażi tad-drittijiet tal-bniedem.***

Emenda 9

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kisba ta' dan l-objettiv se tiġi mkejjeja permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, il-livell ta' titjib fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza fil-qasam tal-ażil, fil-kwalità tal-proċeduri tal-ażil, fil-konverġenza tar-rati ta' rikonossiment fl-Istati Membri, u l-isforzi ta' risistemazzjoni mill-Istati Membri.

Emenda

Il-kisba ta' dan l-objettiv se titkejjel permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, il-livell ta' titjib fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza fil-qasam tal-ażil **partikolarment mal-fruntieri**, fil-kwalità tal-proċeduri tal-ażil, fil-konverġenza tar-rati ta' rikonossiment fl-Istati Membri, u l-isforzi ta' risistemazzjoni mill-Istati Membri.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-appoġġ ta' migrazzjoni legali għall-Unjoni f'konformità mal-bżonnijiet ekonomiċi u soċjali tal-Istati Membri u l-promozzjoni tal-integrazzjoni effettiva ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż dawk li jfittxu l-ażil u l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali;

Emenda

(b) l-appoġġ ta' migrazzjoni legali għall-Unjoni f'konformità mal-bżonnijiet ekonomiċi u soċjali tal-Istati Membri u l-promozzjoni tal-integrazzjoni effettiva ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi **u t-tisħiħ tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti**, b'mod partikolari dawk li jfittxu l-asil u l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali;

Emenda 11

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kisba ta' dan l-objettiv se titkejjel permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, il-livell ta' parteċipazzjoni miżjuda ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-impjieġ, l-edukazzjoni u fi proċessi demokratiċi.

Emenda

Il-kisba ta' dan l-objettiv se titkejjel permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, il-livell ta' parteċipazzjoni miżjuda ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-impjieġ, l-edukazzjoni u fi proċessi demokratiċi. **Il-miżuri stabbiliti għall-kisba ta' dan l-objettiv għandhom iqisu l-konsegwenzi tal-fenomenu tal-**

eżodu tal-imħuħ fil-pajjiżi terzi u jnaqqsuhom.

Emenda 12

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha tiġi *mkejla* permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, in-numru ta' persuni rritornati.

Emenda

Il-kisba ta' dan l-objettiv għandha tiġi *mkejla* permezz ta' indikaturi, fost oħrajn, in-numru ta' persuni rritornati, ***is-sostenibbiltà tal-miżuri ta' ritorn, in-numru ta' ritorni volontarji.***

Emenda 13

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

(d) it-titjib tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, b' mod partikolari lejn dawk l-aktar milquta mill-flussi migratorji u *tal-ażil*.

Emenda

(d) it-titjib tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, b' mod partikolari lejn dawk l-aktar milquta mill-flussi migratorji u ***dawk li jfittxu l-asil u appoġġ għal djalogu kostanti mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għall-iżvilupp ta' programmi nazzjonali.***

Emenda 14

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a, Għandhom jiġu kkonsultati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-parlamenti nazzjonali fl-Istati Membri u fil-pajjiżi terzi waqt il-proċess ta' programmar, implimentazzjoni u evalwazzjoni tal-programmi ffinanzjati mill-Fond.

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Il-kisba ta' dawn l-objettivi se titmexxa mill-Istati Membri, mill-organizzazzjonijiet internazzjonali, mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi u mill-awtoritajiet lokali u/jew reġjonali.

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2c: il-Kummissjoni se tivverifika u tanalizza regolarment l-objettivi tal-Fond, u se tevalwa r-riżultati tal-implimentazzjoni, kif ukoll l-effikaċja tal-ipprogrammar, permezz ta' evalwazzjonijiet esterni indipendenti, bl-għan li tiżgura li l-objettivi jkunu ntlaħqu u li jitħejjew rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-azzjonijiet ġejjiena. Għandhom ukoll jitqiesu kif jixraq il-proposti ta' evalwazzjonijiet esterni indipendenti imfassla mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Il-Kummissjoni se tinvolvi lill-partijiet interessati korrispondenti kollha, inkluża s-soċjetà ċivili, il-parlamenti nazzjonali u l-awtoritajiet lokali, fil-fażi ta' evalwazzjoni tal-għajnuna tal-Unjoni mogħtija fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 8 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sabiex tiġi ffaċilitata l-migrazzjoni legali

Sabiex tiġi ffaċilitata l-migrazzjoni legali

lejn l-Unjoni u sabiex jitħejjew aħjar il-persuni msemija fil-punt (g) tal-Artikolu 4(1) għall-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà riċeventi fi ħdan l-oġettiv speċifiku definit fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2) u fid-dawl tal-konklużjonijiet maqbula tad-djalogu dwar il-politika kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru .../... [ir-Regolament Orizzontali], l-azzjonijiet li ġejjin li jseħħu fil-pajjiż ta' oriġini, għandhom b'mod partikolari jkunu eliġibbli:

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fi ħdan l-oġettiv speċifiku definit fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2), l-azzjonijiet eliġibbli għandhom isiru fil-qafas ta' strateġiji konsistenti, implimentati minn organizzazzjonijiet mhux governattivi, awtoritajiet lokali u/jew reġjonali u ddisinjati speċifikament għall-integrazzjoni, fil-livell lokali u/jew reġjonali, kif xieraq, tal-persuni msemija fil-punti (a) sa (g) tal-Artikolu 4(1). F'dan il-kuntest, l-azzjonijiet eliġibbli għandhom partikolarment jinkludu dan li ġej:

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, il-Fond jista' jintuża biex jiġu ffinanzjati azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet

lejn l-Unjoni u sabiex jitħejjew aħjar il-persuni msemija fil-punt (g) tal-Artikolu 4(1) għall-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà riċeventi fi ħdan l-oġettiv speċifiku definit fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2) u fid-dawl tal-konklużjonijiet maqbula tad-djalogu dwar il-politika kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru .../... [ir-Regolament Orizzontali], l-azzjonijiet li ġejjin li jseħħu fil-pajjiż ta' oriġini, ***fir-rispett tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp u partikolarment tal-impenji tal-UE li jiffavorixxu l-għlieda kontra l-eżodu tal-imħuħ***, għandhom b'mod partikolari jkunu eliġibbli:

Emenda

1. Fi ħdan l-oġettiv speċifiku definit fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2), l-azzjonijiet eliġibbli għandhom isiru fil-qafas ta' strateġiji konsistenti, implimentati minn ***organizzazzjonijiet internazzjonali***, organizzazzjonijiet mhux governattivi, awtoritajiet lokali u/jew reġjonali u ddisinjati speċifikament għall-integrazzjoni, fil-livell lokali u/jew reġjonali, kif xieraq, tal-persuni msemija fil-punti (a) sa (g) tal-Artikolu 4(1). F'dan il-kuntest, l-azzjonijiet eliġibbli għandhom partikolarment jinkludu dan li ġej:

Emenda

1. Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, il-Fond jista' jintuża biex jiġu ffinanzjati azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess

ta' interess partikolari għall-Unjoni, dwar l-oġġettivi ġenerali u speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3.

partikolari għall-Unjoni, dwar l-oġġettivi ġenerali u speċifiċi msemmija fl-Artikolu 3, ***fir-rispett tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp.***

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari fil-qafas tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' riammissjoni, sħubiji ta' mobilità u l-programmi ta' protezzjoni reġjonali.

Emenda

(f) kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari fil-qafas tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' riammissjoni, sħubiji ta' mobilità u l-programmi ta' protezzjoni reġjonali ***f'koordinament u sinerġija mal-fondi ta' żvilupp immexxija mid-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni (EuropeAid) li jimmira l-azzjonijiet fuq il-migrazzjoni u l-ażil fl-istess pajjiżi.***

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Fond għandu jipprovdi assistenza finanzjarja biex jindirizza ħtiġijiet urġenti u speċifiċi fil-każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza.

Emenda

1. Il-Fond għandu jipprovdi assistenza finanzjarja biex jindirizza ħtiġijiet urġenti u speċifiċi fil-każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza. ***Il-miżuri implimentati fil-pajjiżi terzi konformement ma' dan l-Artikolu għandhom ikunu koerenti u komplimentari mal-politika umanitarja tal-Unjoni u jirrispettaw il-prinċipji umanitarji hekk kif stabbiliti mill-Kunsens dwar l-għajnuna umanitarja.***

PROCĊEDURA

Titolu	Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil
Referenzi	(COM(2011)0751 – C7-0443/2011 – 2011/0366(COD))
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 15.12.2011

Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 15.12.2011
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Michèle Striffler 15.2.2012
Eżami fil-kumitat	9.7.2012
Data tal-adozzjoni	3.9.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 24 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Thijs Berman, Ricardo Cortés Lastra, Nirj Deva, Leonidas Donskis, Catherine Grèze, Eva Joly, Filip Kaczmarek, Miguel Angel Martínez Martínez, Gay Mitchell, Norbert Neuser, Bill Newton Dunn, Birgit Schnieber-Jastram, Michèle Striffler, Alf Svensson, Keith Taylor, Patrice Tirolien, Anna Záborská, Iva Zanicchi
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Santiago Fisas Ayxela, Enrique Guerrero Salom, Fiona Hall, Gesine Meissner, Horst Schnellhardt
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Phil Prendergast